A.L. 362 ta' l-2009

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-2009 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2009 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 5).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-6 ta' Novembru, 2009.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art magħrufa bħala Plot 77, ta' madwar 129.53 metru kwadru, fi Triq il-Gladjoli, San Ġwann Neighbourhood II, San Ġwann, soġġetta għal ċens temporanju għal perjodu ta' 150 sena li bdew jiddekorru mill-20 ta' Frar, 1969. L-art tmiss mill-Grigal ma' proprjetà mogħtija b'ċens temporanju, mix-Xlokk ma' Triq il-Gladjoli u mil-Lbiċ ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar, tinsab delineata bl-aħmar u markata P. 77 fuq il-pjanta L.D. 128/80/20 u li qabel kienet tagħmel parti minn Tenement 513281. (HAP 7/2009).

(2) Biċċa art f'Ħal Farruġ, limiti ta' Ħal-Luqa, ta' madwar 6,750 metru kwadru, li tikkonsisti fi Blokkijiet J, K, L, M u N u li tinkludi 113 appartament, 107 *garages* u tliet iħwienet. L-art tmiss mill-Grigal ma' Triq l-Isturnell, mil-

Lbiċ ma' Triq ir-Russett Abjad u mix-Xlokk ma' Triq Tal-Vitorja, u tinsab reġistrata mad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement E20688, u delineata bl-aħmar fuq P.D. 2008_308. (HAM 46/98 vol 2).

(3) Biċċa art li tikkonsisti f'bini tal-Gvern fl-Mġarr, li tinkludi 22 *maisonettes*, 43 appartament, 127 *garages* u *substation*, liema appartamenti huma maqsumin f'sitt blokok imsemmija minn A sa F, ta' madwar 4,580 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral ma' Triq l-Amarożu u Triq l-Aruna, mil-Lvant ma' Triq il-Karamelli u minn Nofs-in-nhar ma' Triq il-Ġnejna, li tinsab reġistrata mad-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjetà bħala Tenement E20636 u delineata bl-aħmar fuq P.D. 2009_70. (HAM 18/2002 vol 4).

(4) Biċċa art magħrufa bħala *Plot* 39 fi Triq il-Fraxxnu, Żabbar, mogħtija b'ċens perpetwu lis-Sur Jason Bianco, li fuqha hemm mibnija l-proprjetà residenzjali bin-numru 39, Triq il-Fraxxnu, Żabbar, liema biċċa art tinsab delineata bl-aħmar u markata P. 39 fuq il-pjanta L.D. 37/81/45 u reġistrata mat-Taqsima Proprjetà tal-Gvern bħala Tenement 41710. (HAP 23/2009).

(5) Biċċa art magħrufa bħala *Plot* 117 u *Site* A fi Triq iċ-Ċikas, Bulebel iż-Żgħir, Żabbar H.O.S., Żabbar, soġġetti għal ċens temporanju għal perjodu ta' 150 sena li bdew jiddekorru mill-11 ta' Frar, 1977. Kemm il-*Plot* u s-Sit imissu mit-Tramuntana ma' Triq il-Ġiżimina, mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' Triq iċ-Ċikas, jinsabu delineati bl-aħmar u markati *Plot* 117 u *Site* A fuq il-pjanta L.D. 37/81/39 u l-*Plot* kienet qabel tagħmel parti minn Tenement 50771 1st portion. (HAP 1/2009).

(6) *Flat* numru 2, Bieb 2, Blokk 1, Bini tal-Gvern, Triq il-Gżira, Gżira (Tenement No. 75225 – RTB 23/2008).

(7) *Flat* numru 7, Blokk 1, Triq Sciortino, Żebbuġ (Tenement No. 64308 – RTB 24/2008).